



0054/2016

9.5.2016

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar sensibilizzazzjoni aqwa fost iċ-ċittadini dwar id-Direttiva tal-UE dwar il-kura tas-saħħa transkonfinali.

Brian Hayes (PPE), Neena Gill (S&D), Deirdre Clune (PPE), Roberta Metsola (PPE), Frédérique Ries (ALDE), Alberto Cirio (PPE), Catherine Bearder (ALDE), Karin Kadenbach (S&D), José Inácio Faria (ALDE), Soledad Cabezón Ruiz (S&D), Giovanni La Via (PPE)

Data ta' skadenza: 9.8.2016

Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, dwar sensibilizzazzjoni aqwa fost iċ-ċittadini dwar id-Direttiva tal-UE dwar il-kura tas-saħħa transkonfinali¹

1. L-għan tad-Direttiva dwar il-kura tas-saħħa transkonfinali (id-Direttiva CBHC) huwa li jingħata aċċess ugwali għal kura tas-saħħa ta' kwalità liċ-ċittadini Ewropej kollha.
2. Id-Direttiva CBHC tistipula li l-pazjenti għandhom id-dritt li jirċievu trattament mediku f'faċilità pubblika jew privata fi Stat Membru ieħor tal-UE u jkollhom parti mill-ispejjeż jew l-ispejjeż kollha mħallsa lura.
3. Il-Kummissjoni rrikonoxxiet li r-rata ta' sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini tal-UE dwar id-dritt tagħhom li jirċievu kura tas-saħħa fi Stat Membru ieħor tal-UE għadha baxxa minkejja l-isforzi li saru biex iċ-ċittadini jġu informati dwar drittijietom fil-qasam tal-kura tas-saħħa garantiti mid-Direttiva CBHC.
4. Skont rapport mill-Kummissjoni, inqas minn tnejn minn kull għaxar ċittadini jħossu li huma infurmati dwar id-drittijiet tagħhom garantiti mid-Direttiva CBHC.
5. Għaldaqstant, il-Kummissjoni u l-Kunsill huma mitluba li:
 - a. iżidu l-isforzi biex tizzied is-sensibilizzazzjoni fost iċ-ċittadini tal-UE dwar id-dritt tagħhom li jirċievu kura tas-saħħa fi Stat Membru ieħor tal-UE;
 - b. jikkoordinaw kampanja ta' informazzjoni madwar l-UE li tiġbed l-attenzjoni għad-dritt taċ-ċittadini tal-UE li jirċievu trattamenti mediċi transkonfinali;
 - c. jagħtu attenzjoni speċjali lil dawk l-Istati Membri fejn ir-rata ta' sensibilizzazzjoni dwar id-Direttiva CBHC hija partikolarment baxxa.
6. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

¹ Bi qbil mal-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta d-dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.